MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 198/2000/1

Citazzjoni numru 198/2000

Carmen Cini

-vs-

Joseph Cini

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni attrici li tghid:

"illi hija zzewget lill-konvenut fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tlieta u tmenin (1983) Dokument A u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt ulied u cioe' Desmond u Sally ahwa Cini ta' eta' ta' disa' (9) snin u seba' (7) snin (Dokument B u C) rispettivament.

Illi l-hajja matrimonjali ta’ bejniethom m’ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba servizzi, mohqrija, glied u abbandun u ghar-ragunijiet ohra gravi li wkoll jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, kif jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta’ l-istess kawza.

Illi ukoll il-hajja matrimonjali m’hijiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi l-attrici trid li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejnha u bejn zewgha li jinghataw il-provvedimenti dwar il-kustodja u manteniment tal-minuri u li tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti;

Talbet ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmi u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. konsegwentement tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti;

4. tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-ligi, dejjem salv dak li ntalab hawn fuq u bil-kundizzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi;

5. tordna l-kustodja tal-minuri tigi fdata f’idejn l-attrici;

6. tiffissa r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici u lill-minuri wliedhom, Desmond u Sally Cini;

7. tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma’ wliedha tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali bl-isem “Alfina Fltas:, 10, Manwel Magro,Marsalforn, Ghawdex

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda taghha u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici m'humiex gustifikati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attrici;

2. illi l-eccipjenti m'huwiex jopponi li l-attrici tiehu sehemha mill-hwejjeg tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. illi l-eccipjenti joppini bil-qawwa kollha ghall-hames talba attrici billi m'huwiex fl-interess u lanqas fl-ahjar gid tal-minuri li t-tfal jigi fdati f'idejn l-attrici;

4. illi ghar-rigward tas-sitt talba l-minuri gia qeghdin jiehdu l-alimenti mill-beneficcju li jircievi l-eccipjenti, liema hlasijiet jithalsu direttament lill-attrici;

5. illi l-eccipjenti qatt ma kecca jew ma halliex lil martu tghix fid-dar matrimonjali flimkien mieghu u lanqas m'hu joppini li hija u t-tfal jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali, anzi ghall-kuntrarju kienet l-attrici li abbandunat id-dar matrimonjali u marret tghix ghal rasha f'appartament iehor;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta mill-provi in atti li l-bazi tal-azzjoni attrici ghat-talba ghas-separazzjoni hi bazata fuq ir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 40 tal-Kap 16, jigifieri, minhabba sevizzi, mohqrija, theddid, offizi gravi anke fuq l-ulied u wkoll minhabba li l-hajja flimkien mhux aktar possibbli stante li z-zwieg tkisser irrimedjabilment. Huwa fatt li z-zwieg gie kuntrattat fis-sena 1983 u minnu twieldu zewgt itfal, Desmond u Sally, li ghadhom minorenni. Issa huwa stabbilit fil-gurisprudenza li s-sevizzi, minacci u ingurji gravi sabiex jikkostitwixxu kawza legittima ta’ separazzjoni jridu jkunu abitwali jew ghal ta' lanqas ripettitivi tant li jirrendu l-konvivenza insopportabbli tenut in piena konsiderazzjoni l-kundizzjoni socjali tal-konjugi "poiche’ certe frasi e certo comporatmento talora un po’ goffo perdono molto della loro significanza quando ricorrono tra persone di un grado non troppo elevato (Appell - Vol XXVI.i.246). Tali eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi mhux necessarjament ghandhom jirrizultaw kumulativament “ma qualunque di tali cause da sole basta purche’ sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale” (Prim’Awla - Vol XXVI.ii.110).

Illi a bazi tal-provi l-Qorti jidhrilha li tohrog kospikwament fil-konvenut certa xehha manifestanti filli kien jahseb fih innifsu u jinjora kwazi ghal kollox, jekk mhux adirittura ghal kollox, il-bzonnijiet u htigijiet ta’ martu u uliedu. U din il-konkluzjoni l-Qorti ma waslitx ghaliha biss mix-xhieda ta’ l-attrici u testi minnha prodotti izda ukoll minn dak li stqarr l-istess konvenut. Fil-fatt lill-Qorti rrizultalha li kienu l-flus l-aktar haga importanti ghalih; li kien jimpurtah biss mill-flus u mhux sabiex jghajjex ahjar lil martu u uliedu. Per ezempju kien kkonverta d-dar fi speci ta’ hanut, ibiegh xorb, fniek u sahansitra joffri l-uzu tal-kamra tal-banju lil kull min ried jidhol jinhasel. Is-sevizzi, li allura kienu abitwali, anke minhabba x-xehha tieghu, kienu waslu sal-punt li joffendi lil martu u holqu ezarcerbazzjoni fiha u avversjoni profonda lejh u dan apparti l-fatt li gieli kien anke refa’ idejh fuqha. Inghad (Appell - Vol XXXV.i.218) li x-xehha tar-ragel meta hija esagerata u eccessiva tista’ tikkostitwixxi sevizja li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali, kif jirrizulta hu hawnhekk il-kaz.

Inghad dan ghalhekk m'hemm ebda raguni ghala l-Qorti m'ghandhiex fl-ewwel lok tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti minhabba s-sevizzi abitwalment prattikati mill-konvenut kontra l-attrici u l-ulied.

Ikkundisrat:

Li konsegwenti ghad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni tal-kontendenti l-Qorti f'dak l-istadju ser tezamina l-ewwel l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti u mbaghad lil min ghandha tigi fdata l-kustodja tal-minuri, r-retta alimentari li talvolta ghandu l-konvenut ihallas u jekk hux opportun li tordna lill-attrici tirrisjedi ghad eskluzjoni ta' zewgha fid-dar matrimonjali.

Illi ghal dak li hi l-komunjoni ta' l-akkwisti jirrizulta li l-uniku beni ezistenti hu proprju d-dar matrimonajli li skond il-provi tirrizulta li giet akkwistata matul iz-zwieg. Issemmew ukoll televizjoni u video li l-attrici tghid li xtrathom hi "bi flusha" izda li m'ghandux ikun hemm dubbju li nxtraw fil-kors taz-zwieg. Ghal dak li hi d-dar ma jirrizultax li hi komodament divizibbli u f'kull kaz lanqas ma jidher opportun, dato ma non concesso li hi divizibbli, li jigi disturbat l-istat prezenti sakemm il-kontendenti ghandhom nofs indiviz kull wiehed. Pjuttost din il-Qorti jidhrilha li dan il-fond ghandu jintuza esklussivament mill-mara u uliedha bil-mobbli kollha illum ezistenti fih inkluz t-televizjoni u l-video, ghad-eskluzjoni ta' zewgha. Il-konvenut ghandu jippercepixxi u johrog mill-fond l-affarijiet u oggetti prettament personali tieghu oltre l-fridge li juza ghall-skopijiet tan-negozju. Aktar minn hekk il-konvenut mhux intitolat li jiehu xejn u ghal dan il-fini qeghdha tillikwida l-oggetti mobbli komponenti l-komunjoni ta' l-akkwisti billi tassenja lill-attrici l-mobbli kollha ezistenti fil-fond inkluz it-televizjoni u l-video u lill-konvenut qeghdha tassenjalu l-fridge fuq imsemmija apparti l-effetti personali tieghu bhala huma hwejjgu.

Illi rigward l-alimenti l-Qorti hi tal-fehma li l-posizzjoni ghandha tibqa' dik li hi illum bl-attrici li tkompli tippercepixxi l-parti tar-relief taghha u l-allowance tat-tfal u l-konvenut li jippercepixxi u jzomm ghalih il-parti tar-relief

tieghu tenut in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li, kif fuq inghad, l-attrici qeghdha tigi awtorizzata li tabita, ghad eskluzjoni ta' zewgha, fid-dar matrimonjali bl-isem "Alfina Flats", 10, Manwel Magro, Marsalforn, Ghawdex.

Ghal dik li hi l-kustodja tal-minuri, kontemplata fil-hames talba, l-Qorti qieset x'ikun fl-ahjar interess taghhom u waslet ghall-konkluzjoni li tordna li l-kustodja tibqa' f'idejn l-omm b'riserva li tistabilixxi fuq rikors appositu l-access li talvolta tkun sodisfatta li taghti lir-ragel, il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi u kif fuq inghad tilqa' t-talbiet attrici hlief ghas-sitt talba fejn mhux qeghdha tiffissa l-ebda retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici u uliedha. Tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut komprizi l-proceduri quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni volontarja taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------